

32007D0119

L 51/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

20.2.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Frar 2007

li temenda d-Deċiżjonijiet 2006/415/KE, 2006/416/KE u 2006/563/KE fir-rigward tal-marka ta' identifikazzjoni li trid tiġi applikata għal-laħam frisk tat-tiġieġ

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 431)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/119/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu animali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influenza tat-tjur u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 66(2) tagħha,

Billi:

(1) L-influenza tat-tjur hija marda virali infettiva fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar, li tikkawża mortalità u disturbi li malajr jistgħu jiżviluppaw fi proporzjonijiet epiżootiċi li kapaċi jwasslu għal theddida serja għas-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali u li jnaqqsu sew il-profittabbiltà tat-trobbija tat-tjur ta' l-irziezet. Hemm riskju li l-aġent tal-marda jista' jinxtered għal stabbilimenti oħra, għal għasafar selvaġġi u minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor u pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ fi tjur ħajjin u l-prodotti tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33); verżjoni kkorreġuta (ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

⁽³⁾ ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

(2) Id-Direttiva 2005/94/KE tistabbilixxi miżuri tal-Komunità li jridu jiġu applikati fl-avveniment ta' tifqigħa ta' l-influenza avjarja fit-tjur u għasafar imrobbija u sabiex tiġi evitata l-firxa tal-marda. Dawk il-miżuri jinkludu t-twaqqif ta' żoni ta' protezzjoni u projbizzjoni fuq it-trasport ta' laħam tat-tiġieġ f'żoni simili.

(3) Id-Direttiva 2005/94/KE tipprovdi wkoll għal ċertu derogi minn dik il-projbizzjoni soġġetti għal ċertu kundizzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu *inter alia* li laħam simili ma jridx jidħol fil-kummerċ intra-Komunitarju jew fil-kummerċ internazzjonali u jrid ikollu l-marka provduta fl-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi li r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jiggvernaw il-produzzjoni, proċessar, distribuzzjoni u introduzzjoni tal-prodotti ta' l-orijini ta' l-annimali għall-konsum mill-bniedem ⁽⁴⁾, sakemm ma jiġix deċiż b'mod ieħor kif provdut f'dik id-Direttiva.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽⁵⁾, jistipula marka ta' identifikazzjoni li għandha tiġi applikata għal ċertu laħam li joriġina mill-annimali.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi l-arranġamenti tranżitorji għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 ⁽⁶⁾, jipprevedi l-użu temporanju ta' marki ta' identifikazzjoni nazzjonali għall-ikel li joriġina mill-annimali li jistgħu jiġu mibjugħa biss fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn jiġu prodotti.

⁽⁴⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni korretta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22; Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

⁽⁶⁾ ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1666/2006 (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 47).

(6) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/415/KE ⁽¹⁾ tipprevedi ċertu restrizzjonijiet li jridu jiġu applikati fl-oqsma A u B, inkluż projbizzjoni milli jiġu mibgħuta prodotti minn dawk iż-żoni, prodotti li huma intenzjonati għall-konsum mill-bniedem li ġejjin minn tajr tal-kaċċa selvaġġ. Madankollu, dik id-Deċiżjoni tipprevedi għal derogi minn dik ir-restrizzjoni sabiex jintbagħat fis-suq nazzjonali ċertu laħam u prodotti u preparazzjonijiet tal-laħam, soġġetti għal ċertu kundizzjonijiet li jinkludu l-immarkar ta' laħam simili kif provdut fl-Anness II għad-Direttiva 2002/99/KE.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/416/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2006 li tirrigwarda ċertu miżuri tranżizzjonali f'relazzjoni ma' l-influenza avjarja ferm patoġenika fit-tjur jew għasafar oħra mrobbija fil-Komunità ⁽²⁾ tistabbilixxi ċertu miżuri tranżizzjonali li jridu jiġu applikati fl-eventwalità ta' tifqigħa ta' dik il-marda. Dawk il-miżuri jinkludu l-istabbiliment ta' żoni ta' ħarsien fil-każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda u l-applikazzjoni ta' ċertu restrizzjonijiet f'żoni simili, inkluż projbizzjoni fuq iċ-ċirkolazzjoni tal-laħam tat-tjur. Madankollu, dik id-Deċiżjoni tipprevedi wkoll għal derogi minn dik il-projbizzjoni soġġetti għal ċertu kundizzjonijiet, inkluż l-inklużjoni ta' laħam simili kif provdut fl-Anness II għad-Direttiva 2002/99/KE.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/563/KE tal-11 ta' Awissu 2006 li tirrigwarda ċertu miżuri ta' ħarsien f'relazzjoni ma' l-influenza avjarja ferm patoġenika tas-sottotip H5N1 f'għasafar slavaġ fil-Komunità u tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/115/KE ⁽³⁾ tistabbilixxi ċertu miżuri li jridu jiġu applikati fl-eventwalità ta' tifqigħa ta' dik il-marda fl-għasafar slavaġ. Dawk il-miżuri jinkludu t-twaqqif ta' oqsma ta' kontroll u l-projbizzjoni milli jiġi mibgħut laħam u prodotti tal-laħam u preparazzjonijiet minn tjur u għasafar tal-kaċċa f'żoni simili. Madankollu, dik id-Deċiżjoni tipprevedi wkoll għal derogi minn dik il-projbizzjoni soġġetta għal ċertu kundizzjonijiet, inkluż l-immarkar ta' laħam simili b'marka skond l-Anness II għad-Direttiva 2002/99/KE jew marka nazzjonali stabbilita skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2076/2005.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/118/KE tas-16 ta' Frar 2007 tistabbilixxi regoli dettaljati f'relazzjoni ma' marka alternattiva ta' identifikazzjoni skond id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE ⁽⁴⁾ tipprevedi għal marka ta' identifikazzjoni alternattiva li tista' tintuża flok il-marka provduta fl-Anness II għad-Direttiva 2002/99/KE.

(10) Huwa għalhekk xieraq li jiġu emendati d-Deċiżjonijiet 2006/415/KE, 2006/416/KE u 2006/563/KE sabiex jiġi permess l-użu ta' dik il-marka alternattiva ta' identifikazzjoni.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi għad-Deċiżjoni 2006/415/KE

Id-Deċiżjoni 2006/415/KE hija emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 5(b), l-Istati Membri affettwati jistgħu jawtorizzaw li jintbagħat fis-suq nazzjonali laħam frisk, laħam ikkapuljat, laħam separat mekkanikalment u preparazzjonijiet tal-laħam jew prodotti tal-laħam ta' tjur ikkaċċjati li joriġinaw miż-żoni A jew B, jekk it-tali laħam huwa mmarrat:

- (a) jew skond il-marka ta' identifikazzjoni speċjali provduta fl-Anness II għad-Direttiva 2002/99/KE, jew
- (b) skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2007/118/KE."

Artikolu 2

Emendi għad-Deċiżjoni 2006/416/KE

L-Artikolu 18(1) tad-Deċiżjoni 2006/416/KE, punt (g) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(g) il-laħam ma jidħolx għall-kummerċ fil-Komunità jew internazzjonali u huwa mmarrat:

- (i) jew skond il-marka ta' identifikazzjoni speċjali provduta fl-Anness II għad-Direttiva 2002/99/KE, jew
- (ii) skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2007/118/KE."

⁽¹⁾ ĠU L 164, 16.6.2006, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 164, 16.6.2006, p. 61. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2007/79/KE (ĠU L 26, 2.2.2007, p. 5).

⁽³⁾ ĠU L 222, 15.8.2006, p. 11.

⁽⁴⁾ Ara paġna 19 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 3

Emendi għad-Deċiżjoni 2006/563/KE

Id-Deċiżjoni 2006/563/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 6, il-punt (e) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“(e) li jiġu mibgħuta miż-żona tal-kontroll ta' laħam frisk, laħam ikkapuljat, laħam separat mekkanikalment u preparazzjonijiet tal-laħam jew prodotti tal-laħam minn tjur li joriġinaw miż-żona tal-kontroll u minn tjur tal-kaċċa slavaġ maqbuda minn dik iż-żona.”

(2) L-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 11

Id-derogi għal-laħam, laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam separat mekkanikalment u prodotti tal-laħam

1. B'deroga mill-punt (e) ta' l-Artikolu 6, l-Istat Membru affettwat jista' jawtorizza li jintbagħt miż-żona tal-kontroll għat-tqegħid fis-suq jew esportazzjoni lil pajjiżi terzi l-laħam li ġej:

(a) laħam frisk tat-tjur, inkluż laħam jew kaċċa ta' tjur li ġew imrobbija, li kienu:

(i) prodotti skond l-Anness II u s-Sezzjonijiet II u III ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004; u

(ii) kontrollati skond is-Sezzjonijiet I, II, III, u Kapitoli V(A)(1) u VII tas-Sezzjoni IV ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(b) laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam, laħam isseparat mekkanikalment u prodotti tal-laħam li fihom laħam imsemmi fil-punt (a) u prodott skond is-Sezzjonijiet V u VI ta' l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) prodotti tal-laħam li ġew trattati speċifikament għall-influenza avjarja fit-tabella 1(a), (b) jew (c) ta' l-Anness III għad-Direttiva 2002/99/KE;

(d) laħam frisk, laħam ikkapuljat, laħam separat mekkanikalment mit-tjur, tjur tal-kaċċa li ġew imrobbija u tjur tal-kaċċa maqbuda mis-selvaġġ fiż-żona qabel ma ġiet stabbilita ż-żona tal-kontroll, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom laħam simili, prodotti fi stabbilimenti fiż-żona tal-kontroll.

2. B'deroga mill-punt (e) ta' l-Artikolu 6, l-Istat Membru affettwat jista' jawtorizza li jintbagħat miż-żona ta' kontroll għas-suq nazzjonali laħam frisk, laħam ikkapuljat u laħam separat mekkanikalment mit-tjur jew tjur ikkaċċjati li ġew imrobbija li joriġinaw miż-żona tal-kontroll, u preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom laħam simili, sakemm it-tali laħam ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun immarkat:

(i) jew skond il-marka ta' identifikazzjoni speċjali kif provduta fl-Anness II għad-Direttiva 2002/99/KE, jew

(ii) skond l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2007/118/KE; u

(b) ikun inkiseb, tqatta', inħażen u trasportat separatament minn laħam ieħor minn tjur u tjur ikkaċċjati li ġew imrobbija u ma jiġix introdott fi preparazzjonijiet tal-laħam jew prodotti tal-laħam destinati li jintbagħtu fi Stati Membri oħra jew għal esportazzjonijiet f'pajjiżi terzi.”

Artikolu 4

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni